# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt


1/17T

**Minuti tat-tkomplija tal-ewwel laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2010, fil-5:30pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva email mingħand is-Sur Briffa li kien se jkun indispost għal laqgħa minħabba xogħol li inqalalu fl-aħħar ħinijiet.

2.0 <u>Item 7: Ilmenti</u>

2.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

2.1.1 (196): Il-Kunsill qed jistaqsi fejn hu l-post eżatt.
2.1.2 (197): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Central Asphalt peress li ma tinsabx fil-lista tal-Gvern għal dan il-perjodu.
2.1.3 (198): Il-Kunsill ma qabilx peress li ma ġiex ippreżentat il-permess tal-ADT.
2.1.4 (199): Il-Kunsill ma qabilx.
2.1.5 (200): Il-Kunsill jixtieq ikun jaf il-post eżatt.
2.1.6 (201): Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra.
2.1.7 (202): Il-Kunsill innota li f'laqgħat preċedenti diġa' itttieħdet deċiżjoni fin-negattiv. Is-Sur Anastasi ma qabilx.
2.1.8 (203): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Central Asphalt
2.1.9 (204): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
2.1.10 (205): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
2.1.11 (206): Ara ilment 202.
2.1.12 (207): Il-Kunsill innota li hi problema ta' livelli allura ma jistax jagħmel mod ieħor.
2.1.13 (208): Il-Kunsill innota li diġa' inħarġet works order f'dan is-sens.
2.1.14 (209): Il-Kunsill qabel li japplika l-Enemalta.
2.1.15 (210): Il-Kunsill qabel li jikkonsulta ma MP&DC imbagħad japplika l-ADT.
2.1.16 (211): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
2.1.17 (212): Il-Kunsill innota li din taqa taħt ir-responsabilita tal-Gvern ċentrali.
2.1.18 (213): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.

Feedbacks:

2.2 Ilment 187: Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.

2.3 Ilment 178: Il-Kunsill qabel li min għamel l-ilment jikkomunika mas-Segretarju Eżekuttiv.

2.4 F'dan l-istadju (5:45) is-Sur Camilleri daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

2.5 F'dan l-istadju (6:15) is-Sur Bugeja daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

3.0 <u>Item 8: Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

*3.1 Offerta Stampar tar-rivista tal-Kunsill – Aġġudikazzjoni*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-unika offerta mitfugħa kienet ta' Veritas Press li hu l-istampatur preżenti, hi offerta valida u l-prezz hu l-istess dak ta' tlett snin ilu.

Is-Sur Anastasi talab li jinbidel il-format għal żewġ paġni kull xahar. Is-Sur Sultana wieġeb li l-offerta leħqet inħarġet b'format differenti. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jestendi l-kuntratt sa Mejju 2010 u fil-frattemp jikkonsulta din il-proposta mall-Bord Editorjali.

*3.2 Performance Bonus tal-Impjegati*

Is-Segretarju Eżekuttiv irrifera għar-rapport imħejji minnu stess u rrakkomanda lill-Kunsill sabiex l-iskrivana Maria Aquilina tingħata 5% performance bonus. Is-Sur Camilleri ilmenta li l-iskrivana Aquilina ma titbissimx u lanqas tgħid bonġu. Is-Sur Anastasi qal li hu xtaq li jikkumenta fir-rapport, xtaq li l-iskrivani jingħataw l-istess rata u ddikjara li hu kontra l-prinċipju tal-performance bonus. Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ipproponiet li l-iskrivana Maria Aquilina tingħata 5% performance bonus. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel b'4 voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa) u żewġ astensjonijiet (is-Sinjuri Anastasi u Camilleri).

Is-Segretarju Eżekuttiv irrifera għar-rapport imħejji minnu stess u rrakkomanda lill-Kunsill sabiex l-iskrivana Denise Cutajar tingħata 6% performance bonus. Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ipproponiet li l-iskrivana Denise Cutajar tingħata 6% performance bonus. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Bugeja. Il-Kunsill qabel b'4 voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa) u astensjonijiet (is-Sur Anastasi). Is-Sur Camilleri ma vvutax.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-rapporti ġew diskussi mal-istess skrivani u l-iskrivani qablu mar-rata mogħtija lilhom.

Wara li qrat ir-rapport imħejji minnha, is-Sindku ippropniet 10% performance bonus lis-Segretarju Eżekuttiv. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel b'4 voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa) u astensjonijiet (is-Sur Anastasi). Is-Sur Camilleri ma vvutax.

4.0 <u>Item 9: Aġġornament</u>

4.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għall-llum fis-7pm b'aġenda maħruġa aktar kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 16 ta' Frar 2010 | Chairperson |